

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1612

tat-23 ta' Settembru 2015

**li temeda d-Deċiżjoni 2008/961/KE dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom**

(notifikata bid-dokument C(2015) 6369)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-reqwiziti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(4) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/109/KE, l-emittenti ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mir-reqwiziti li jippreparaw kontijiet konsolidati skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) adottati fl-Unjoni, jekk il-Prinċipji ta' Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) tal-pajjiżi terzi inkwistjoni jistipulaw reqwiziti ekwivalenti. Sabiex tiġi vvalutata l-ekwivalenza tal-GAAP ta' dak il-pajjiż terz mal-IFRS adottati, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007<sup>(2)</sup> jipprovdi għal definizzjoni tal-ekwivalenza u jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-GAAP ta' pajjiż terz.
- (2) Huwa importanti li jiġu vvalutati l-isforzi ta' dawk il-pajjiżi li hađu l-passi biex jikkonverġu l-istandards tal-kontabbiltà tagħhom mal-IFRS jew biex jadottaw lil dawn tal-aħħar. Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1569/2007 għandu jiġi emendat biex il-perjodu ta' ekwivalenza temporanja jiġi estiż sal-31 ta' Marzu 2016.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE<sup>(3)</sup> ipprovdiet li qabel is-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2015 jew wara, l-emittenti ta' pajjiżi terzi jitħallew jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati annwali u ta' kull sitt xhur tagħhom skont il-GAAP tal-Indja.
- (4) Il-Gvern tal-Indja u l-Indian Institute of Chartered Accountants impenjaw ruħhom pubblikament li jadottaw l-IFRS sal-31 ta' Diċembru 2011 bil-għan li sa dakinhar il-GAAP Indjani jkunu konformi għalkollox mal-IFRS. Dan il-proċess iddewwem. F'Ottubru 2014, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) issottomettiet lill-Kummissjoni rapport dwar l-ekwivalenza tal-GAAP Indjani. F'dan ir-rapport, l-ESMA osservat li l-GAAP Indjani jidher li fihom għadd ta' differenzi mill-IFRS li fil-prattika, jistgħu jkunu sinifikanti.
- (5) F'Marzu 2014 l-Indian Institute of Chartered Accountants ippubblika pjan direzzjonali ġdid għall-implimentazzjoni tal-konverġenza tal-GAAP Indjani mal-IFRS. Fit-2 ta' Jannar 2015, il-Ministeru tal-Affarijiet Korporattivi tal-Indja ħabbar pjan direzzjonali rivedut għall-implimentazzjoni tal-GAAP Indjani li se jiġu konverġuti mal-IFRS. Dan il-pjan direzzjonali jipprevedi l-użu obbligatorju tal-GAAP Indjani, konverġuti mal-IFRS, mill-kumpaniji elenkati kollha għall-perjodi tal-kontabbiltà li jibdew fl-1 ta' April 2016 jew wara. Madankollu, għad hemm incertezzji dwar l-iskeda għall-implimentazzjoni tas-sistema tar-rappurtar konformi mal-IFRS u tl-infurzar tal-IFRS.

<sup>(1)</sup> ĠUL 390, 31.12.2004, p. 38.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabbiltà applikati mill-emittenti tal-pajjiż terz ta' titoli skont id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 340, 22.12.2007, p. 66).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom (ĠUL 340, 19.12.2008, p. 112).

- (6) Għalhekk, huwa xieraq li l-perjodu tranżizzjonali jiġi estiż sal-31 ta' Marzu 2016, sabiex jippermetti lill-emittenti ta' pajjiżi terzi jippreparaw ir-rapporti finanzjarji annwali u ta' kull sitt xhur tagħhom skont il-GAAP Indjani fl-Unjoni. Dan il-perjodu addizzjonali għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-awtoritajiet Indjani jlestu l-konverġenza tal-GAAP Indjani mal-IFRS.
- (7) Peress li l-perjodu tranżizzjonali li matulu d-Deċiżjoni 2008/961/KE tat ekwivalenza lill-GAAP Indjani ntemm fil-31 ta' Diċembru 2014, għar-raġuni taċ-ċertezza legali, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015.
- (8) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/961/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/961/KE, id-data l-1 ta' Jannar 2015 tinbidel bid-data l-1 ta' April 2016.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
Jonathan HILL  
*Membru tal-Kummissjoni*

---